# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Preliminari Numru 2957

Kaz Numru 4166/DA

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Philip Smythe

u

Greens Supermarket Ltd

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata nġusta*

**Chairperson: Dr Deborah Attard LL.D.**

Illum il-Ħamis 30 ta' Novembru, 2023

It-Tribunal,

Ra r-rikors tat-3 t'April 2023, li permezz tiegħu r-rikorrent allega li l-kumpanija li mpjegatu ddeċidiet li tkeċċieh mingħajr raġuni, ħabta u sabta u minghajr ma tagħtu ebda raġuni. Ir-rikkorent talab sabiex dan it-Tribunal jiddikjara li l-impjieg tiegħu mall-kumpanija ntimata ġie terminat mingħajr raġuni valida u tgħaddi biex tagħti kumpens xieraq tat-terminazzjoni li saret b'dannu tar-rikkorent.

Ra r-risposta tal-kumpanija ntimata li permezz tagħha eċċepiet (1) illi mhix il-leġittimu kontradittur tal-kawza odjerna peress illi r-rikkorent qatt ma kien impjegat mas-soċjeta ntimata; u (2) illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi respinta in toto bl-ispejjez peress illi t-tkeċċija kienet waħda ġusta; (3) illi r-rikorrent minkejja li kellu superviżjoni kontinwa ma kienx qed jezegwixxi x-xogħol mgħoti lilu tant illi kellu jitnaqqaslu l-inkarigu; (4) illi r-rikorrent qatt ma wera ħila, diliġenza jew sengħa f' xogħolu tant illi s-soċjeta' kellha tesperenzja nefqa zejda u (5) kellha talloka aktar ħaddiema għan-nuqqasijiet tar-rikorrent; (6) illi x-xogħol tar-rikorrent ma kienx qed jitmexxa b'mod effiċjenti u skond id-direzzjoni tas-soċjeta'; (7) ir-rikorrent ingħata diversi pre-avviżi u opportunitajiet biex jirranġa n-

nuqqasijiet tiegħu u (8) t-terminazzjoni kienet waħda ġusta u bbazata fuq raġunijiet xierqa.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent;

Ra d-dokumenti esebiti mis-soċjeta' ntimata;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra illi l-kaz tħalla għad-deċizjoni preliminari dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' ntimata u wara li ġew magħluqa l-provi taz-zewġ partijiet dwar din l-eċċezzjoni.

**<u>Ikkunsidra</u>**:

Illi din hija deċiżjoni preliminari dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' ntimata u cioe' illi soċjeta' mhix il-legittimu kontradittur tal-kawza odjerna u dana peress illi r-rikorrent qatt ma kien impjegat mas-soċjeta' ntimata.

Mid-dokumenti pprezentati mis-soċjeta' konvenuta stess kuntratt tal-impjieg jindika illi l-employer huwa Greens Supermarket Limited.

Għaldaqstant huwa ben ġust illi r-rikorrent rrikonoxxa lil Greens Supermarket Limited bħala l-employer tiegħu u malli tkeċċa fetah il-kawza kontra l-istess kumpanija. Ta' min wieħed jinnota illi fir-risposta tas-soċjeta' konvenuta tissemma l-kumpanija Greens Supermarket (Gozo) Limited (C85750) mentri l-kuntratt ippreżentat minnhom huwa ffirmat mill-kumpanija Greens Supermarket Limited numru (C43233).

Huwa għalhekk illi t-Tribunal mhux tal-fehma li tiġi milqugħa l-ewwel eċċezzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjoni preliminari dwar jekk is-soċjeta' esponenti hiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna u jordna l-prosegwiment tal-kaz.

(Iffirmat)
**Dr Deborah Attard**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**